MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Numru. 166/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
vs
Joseph Borg u Carmel Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Borg, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 689343 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, bhala direttur tas-socejta' Jaycee Catering Co. Ltd., proprjetarju jew amministratur tal-fond Cherry Tree Bar & Restaurant sitwat fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba, bejn l-14 ta' Novembru 1997 u l-24 ta' April, 1999 u bejn l-10 ta' Jannar, 1996 u l-24 ta' April, 1999, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita ta' elettriku

li jammonta ghal tlett mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u 44 centezmu (LM327.44), u hamest elef hames mija u hmistax il-lira Maltin u 51 centezmu (LM5515.51), rispettivament, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, (b) barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl tal-ghamla ‘Landes & Gyr’, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal erbgha u ghoxrin (LM24) liri Maltin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Art 533(1) tal-Kodici Kriminali Kap. 9;

Il-Qorti tirrileva illi l-kaz kontra l-imputat Carmel Camilleri gie deciz fit-8 ta’ Mejju, 2003;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-23 ta’ Lulju, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet :

Fl-Artikoli 18, 261 (b), 262 (c), 261 (f), 264, 283, 267, 270, 278, 279(a), 280, 281, 325 (b), 326 (1) (c), 326 (1) (f), 17 (b), 17 (h), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat Joseph Borg iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat serq ta’ dawl minn fond Cherry Tree Bar & Restaurant sitwat fi Triq il-Pijunieri, Bugibba.

Illi minn indagini illi ghamlet il-pulizija fuq il-post gie stabbilit illi dan il-fond kien immexxi minn l-imputat Joseph

Borg, l-imputat odjern, illi meta gie mitkellem mill-pulizija huwa kien qal illi, ghalkemm huwa kien il-proprjetarju, ma kien jaf xejn dwar allegat tbaghbis fil-meter tad-dawl peress illi l-post huwa immexxi mill-Manager, certu Carmel Camilleri. L-imputat l-iehor f'din il-kawza, illi l-kaz tieghu diga gie deciz, kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

Illi effettivament Joseph Borg, l-imputat, huwa r-registered consumer u f'dan il-kaz hemm prezunzjoni stabbilita mill-Ligi kontra tieghu u huwa l-oneru tieghu illi jipprova il-kuntarju billi jaghti spjegazzjoni kredibbli u gustifikata.

Illi l-imputat Joseph Borg kien ghazel illi jixhed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta u "a tempo vergine" kien stqarr illi huwa imur fir-restaurant darba fil-gimgha u ma kien jaf assolutament xejn dwar tbaghbis fil-meter tad-dawl. Huwa sostna illi qatt ma kien sar tbaghbis il-meter tad-dawl u qatt ma ippermetta illi jsir tbaghbis fih.

Illi Carmel Camilleri kien ukoll ghazel illi jixhed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti u ammetta li kien il-Manager tac-Cherry Tree Bar & Restaurant u li kien ilu jiehu hsieb dan il-bar madwar ghaxar snin, pero' cahad illi baghbas fil-meter tad-dawl ta' dan il-fond.

Illi s-Supretendent Joseph Valletta xehed f'dawn il-proceduri u qal illi fiz-zmien in kwistjoni ic-Cherry Tree pub kien jigi gestit minn Carmel Camilleri. Huwa xehed illi l-proceduri ittiehdu wkoll kontra l-imputat Joseph Borg peress illi l-licenzji kollha kienu f'isem l-istess Joseph Borg.

Illi xehed ukoll Silvio Decelis ghall-Korporazzjoni EneMalta u qal illi Carmel Camilleri kien hallas l-ammont kollu dovut lill-Korporazzjoni EneMalta.

Illi effettivament Carmel Camilleri irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fil-konfront ta' Carmel Camilleri fit-8 ta' Mejju, 2003.

Illi wara illi inghatat is-sentenza fil-konfront tieghu, Carmel Camilleri xehed f'dawn il-proceduri u qal illi huwa part owner u Manager tac-Cherry Tree Bar and Restaurant u ilu jiggestixxi dan il-fond mill-1989 u ghadu jaghmel hekk sal-lum. Huwa xehed bil-gurament tieghu illi kien baghbas il-meter tad-dawl ta' dan il-fond u illi l-imputat Joseph Borg ma kien jaf xejn dwar dan ghaliex hu kien jiggestixxi ir-restaurant. Huwa xehed illi ghamel dak illi ghamel minghajr ma qal lill-imputat Joseph Borg. Huwa xehed ukoll in kontro-ezami illi jiehu hsieb il-"general running" tal-bar il-gimgha shiha u l-imputat Joseph Borg kemm jittawwal ftit u jerga jitlaq.

Illi l-imputat Joseph Borg xehed ukoll f'dawn il-proceduri u qal illi huwa "partner" u "part owner" ta' dan il-hanut, pero' hemm hekk ma jkunx spiss peress illi jitmexxa minn Carmel Camilleri u mhux minnu. Huwa xehed ukoll illi jiltaqa ma Carmel Camilleri darba kull hmistax u jaraw l-accounts, pero' huwa mhuwiex involut fil-gestjoni normali ta' kuljum ta' dan il-fond. L-imputat Borg xehed illi jaf li thallas l-ammont kollu dovut lill-Korporazzjoni EneMalta in konnessjoni ma l-allegat serq ta' dawl u cahad illi qatt baghbas il-meter tad-dawl, jew illi qatt ippermetta lil xi hadd biex jaghmel dan it-tbaghbis. In kontro-ezami, huwa xehed illi dak illi kien ghadu kif qal, u cioe' illi l-fond ma kienx jitmexxa minnu, izda minn Carmel Camilleri japplika wkoll ghall-perjodu minn Novembru, 1997 sa April, 1999.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi l-imputat Joseph Borg effettivament irnexxielu jipprova illi huwa ma kienx responsabbli ghas-serq ta' dawl mill-fond in kwistjoni, ta spjegazzjoni kredibbli ta' dan, u dana kollu ried ukoll jigi ikkunsidrat fid-dawl tax-xhieda li ta Carmel Camilleri, u ukoll fid-dawl tal-ammissjoni ta' l-istess Carmel Camilleri.

Illi kien l-istess Carmel Camilleri fil-fatt illi hallas l-ammont dovut lill-Korporazzjoni EneMalta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara lill-imputat Joseph Borg mhux hati ta' l-

akkuzi migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------